# POLITIKA TAS-SOSTENIBILITÀ GĦALL-BEJJIEGĦA TAL-IKEL

Huwa meħtieġ depożitu ambjentali li jinradd lura ma' kull miżata li titħallas qabel festival minn bejjiegħ tal-ikel, li tinradd lura jekk jiġu rispettati bis-sħiħ il-punti li ġejjin:

1. Għandu jitnaqqas l-ippakkjar mis-sors. Idealment, tixtrix prodotti li jinkludu l-ippakkjar, iżda jekk tagħmel dan; eħles minn kull tip ta' ippakkjar QABEL tasal fis-sit, dak li se ddaħħal, trid terġa tippakkja meta toħroġ.
2. L-ebda prodotti li jintremew (*disposables*) tal-plastik jew tal-jablo (*polystyrene*) m'għandhom jiddaħħlu minn sorsi esterni. Jistgħu jintużaw biss prodotti li jintremew tal-karti jew kompostabbli jekk ikollok bżonnhom.
3. Huma permessi bottijiet tal-metall. Fliexken tal-plastik jew tal-ħġieġ mhumiex permessi mingħajr awtorizzazzjoni li tingħata qabel il-festival.
4. Il-fdalijiet kollu tal-ikel mill-kċejjen/*stalls* għandhom jiġu kompostati u miżjuda fil-kontenituri tal-kompost ipprovduti.
5. Kwalunkwe ilma użat għandu jinżamm f'kontenituri u jiġi depożitat direttament fis-sistemi tad-drenaġġ fuq is-sit. Tferrax ilma użat direttament mal-art minħabba li l-kontaminanti għandhom effett kbir fuq is-sors tal-ilma limitat tagħna u t-tnixxija tal-ilma tmur direttament fil-baħar.
6. Kwalunkwe prodotti tat-tindif jew ħasil li tuża fuq is-sit għandhom ikunu bijodegradabbli.
7. Int se tkun responsabbli għal kull tip ta' skart prodott mill-*istall* tiegħek. Jekk jogħġbok ikkunsidra dan f'dak kollu li ddaħħal fis-sit.
8. Valletta 2018 għandha filosofija ta' "Ħalli l-Ebda Traċċa". Inti responsabbli biex tnaddaf l-*istall*/sit tiegħek wara l-festival u biex tiżgura li kwalunkwe riżorsi użati li jiġu prodotti mill-*istall* tiegħek huma ġestiti matul il-festival u jitneħħew wara l-festival jekk dan ma joqgħodx fil-kontenituri pprovduti.
9. Teżisti inizjattiva "*Bring Your Own*" (ġib il-kontenitur tiegħek) fl-attivitajiet ta' Valletta 2018, kun ippreparat li sservi fit-tazza/platt tal-individwu jekk ikun jixtieq dan.
10. Ninkoraġġuk biex teduka lill-bejjiegħa tiegħek bil-ġestjoni tar-riżorsi tagħhom stess!

LINJI GWIDA ADDIZZJONALI

- Agħmel dak li tista’ biex tagħmel deċiżjonijiet tal-ikel konxji
- Biex tagħmel enfasi fuq prodotti ħielsa minn kimiċi, kuluri, preservattivi, addittivi, GMOs u pestiċidi
- Biex tixtri, meta jkun possibbli, frott u ħaxix organiku, jew mill-inqas mingħand bdiewa lokali li jagħmlu wkoll enfasi fuq dan
- Li mill-inqas tipprovdi għażliet veġetarji (*vegan*) jew veġetarjani, iżda idealment ikollok menù sħiħ veġetarju jew veġetarjan.
- Biex tuża, meta dan ikun possibbli, ħalib/bajd minn bdiewa lokali/organiċi
- Biex tnaqqas u timminimizza l-iskart f’kull livell billi ma ddaħħalx prodotti li jintremew (*disposables*) fuq is-sit
- Biex tikkomunika lill-klijenti kollha x’hemm fl-ikel tiegħek u liema benefiċċju dan qed iwassal lill-ġisem
- Biex tipprovdi ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa b’imħabba lil kull min jixtri mill-*istall* tal-ikel tiegħek